# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 21 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 4.**
**Citazz. Nru. 2423/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Dominic u Salvina mizzewgin AZZOPARDI**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 28 ta' Jannar, 1998 fl-atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef (Dok "A"), is-socjeta' attrici kkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuti Dominic u Salvina mizzewgin Azzopardi;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Dominic u Salvina mizzewgin Azzopardi fis-somma ta' sebat elef, mitejn u erbgha u hamsin liri maltin u disgha u tletin centezmu (Lm7,254.39) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Dominic u Salvina mizzewgin Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 29 t'Awissu, 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata Dok "C", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Dominic u Salvina mizzewgin Azzopardi ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, mitejn u erbgha u hamsin liri maltin u disgha u tletin centezmu (Lm7,254.39) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Dominic u Salvina mizzewgin Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 t'Awissu, 2000 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet id-dikjarazzjoni tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lil Dominic u Salvina mizzewgin Azzopardi ihallsu lis-socjeta' attrici

s-somma ta' sebat elef, mitejn u erbgha u hamsin liri maltin u disgha u tletin centezmu (Lm7,254.39) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Dominic u Salvina mizzewgin Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 t'Awissu 2000, kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**21 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Frar, 2001.**